XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 394*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 22*
*Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.00pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku*<br>*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*<br>*Mr. Teddy Mizzi*<br>*Dr. Marthese Portelli* |
| *Skużati:* | *Mr Hubert Saliba* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Is-Sindku talbet sabiex il-Minuti tal-Laqgħa Numru 392 u 393 jiġu diskussi u approvati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.*

**1. Laqgħa Wasteserv Ltd**

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn ukoll is-Sur Vince Magri, s-Sur Antonio Olivari D'Emanuele u s-Sur Charles Spiteri li kienu qed jirrappreżentaw lil Wasteserv Ltd.. Is-Sur Magri nforma lill-Kunsill li l-Wasteserv Ltd kienet talbet biex tiltaqa' mal-Kunsill biex jinfurmawh dwar is-Civic Amenity Site Tal-Kus li ftit tal-jiem oħra kienet se tinfetaħ uffiċċjalment. Huwa qal li peress li is-C.A.S. tinsab fir-raħal tax-Xewkija, il-Wasteserv Ltd riedet twassal personalment l-istedina għall-inawgurazzjoni li ser issir fl-4 ta' Lulju 2009. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzjat u uriet l-apprezzament tagħha li l-Wasteserv Ltd ġew jiltaqgħu mal-Kunsill. Is-Sindku għamlita ċara li bħala Kunsill m'aħnix kontra dan il-proġett iżda l-Kunsill huwa kontra s-sit li ntgħażel. Is-Sur Magri qal li jifhem dan il-punt u wiegħed li fejn ikun possibbli l-Wasteserv Ltd lesti li jgħinu lill-Kunsill anke fil-proġett tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini.

Is-Sur Magri spjega fid-dettal kif ser tkun qed taħdem is-C.A.S.. Huwa qal li meta l-Kunsill ikollu xi ilmenti għandu jwassalhom mill-ewwel lil Wasteserv Ltd li minn naħa tagħhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li kull ilment jiġi solvut. Huwa qal li minn naħa tagħhom ikunu lesti li fil-futur jerġgħu jiltaqgħu mal-Kunsill biex jekk ikun hemm xi problemi jiġu diskussi u solvuti. Is-Sur Magri qal ukoll li l-Wasteserv Ltd ser ikunu qed iqassmu leaflets b'informazzjoni dwar is-C.A.S. u dwar kif ir-residenti jistgħu jagħmlu użu minn din il-faċilita. Is-C.A.S. ser tkun bla ħlas u għalhekk ir-residenti għandhom jiġu nkoraġġiti biex jagħmlu użu minn dan is-servizz ġdid f'Għawdex. Is-Sur Olivari D'Emanuele qal li l-materjal pubbliċitarju li se jitqassam fid-djar residenzjali kollha t'Għawdex ser ikun jinkludi ukoll mappa (site plan) li tindika li biex wieħed jasal għas-C.A.S. għandu jgħaddi minn fejn il-Heliport. Il-ħinijiet tal-ftuħ ta' din il-faċilita ser ikun kuljum mis-7.30am sal-5.30pm. Ser ikun hemm dejjem ħaddiema li anke jgħinu lil min imur jarmi f'din il-faċilita. Huwa qal ukoll li t-triq li mill-Heliport twassal għas-C.A.S. issa tlestiet bit-tarmak. L-istess triq se titnaddaf b'mod regolari mill-Wasteserv Ltd..

Is-Sindku talbet sabiex issa li t-triq saret bit-tarmak isir ukoll traffic management. Dan għar-raġuni wkoll li issa jista' jiżdied it-traffiku fiċ-ċentru tax-Xewkija. Il-Kunsill talab ukoll sabiex titkompla t-triq bit-tarmak in-naħa ta' Ġnejnet it-Tfal u ssir rampa ta' aċċess għall-għalqa fejn kien hemm ir-rampa tagħti għal fuq it-triq. Is-Sur Magri wiegħed li l-Wasteserv ser tagħmel dak kollu meħtieġ biex dawn ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru.

Is-Sindku ssuġġeriet sabiex isiru attivitajiet speċjalment fost it-tfal tal-iskola biex jiġu infurmati dwar din il-faċilita u b'hekk aktar nies jibdew jagħmlu użu minnha. Il-Kunsilliera Marthese Portelli issuġġeriet sabiex il-Kunsill ikun jista' jorganizza attivitajiet kemm kulturali, ta' divertiment u edukattivi f'dan iċ-ċentru u b'hekk aktar nies isiru jafu bis-C.A.S. u s-servizzi li toffri.

Il-Kunsillier Teddy Mizzi staqsa jekk hux possibbli li meta ssir il-Waste Transfer Station, il-Kunsill tax-Xewkija jingħata kumpens. Il-Kunsillier Mizzi ssuġġerixxa li l-Kunsill jiġi eżentat mit-tariffa li tkun trid titħallas biex scammel ibattal fil-W.T.S.. Is-Sur Magri qal li huma jkunu lesti li jiddiskutu dwar din il-proposta iżda ma jistax iwiegħed xejn għalissa. Huwa spjega kif is-C.A.S. ser tkun b'xejn u anke l-iskart li jinġabar separat. L-ideja tal-Wasteserv Ltd hija li l-iskart jinġabar kemm jista' jkun separat. L-iskart domestiku li ma jkunx separat u li jinġabar bl-iscammel se jkun aktar għoli.

Fl-aħħar tal-laqgħa s-Sindku rringrazzjat lis-Sur Magri u lill-Uffiċċjali l-oħra għall-invit tagħhom għall-inawgurazzjoni tas-C.A.S..

## 2. Financial Statements 2008/09 u l-Ittra ta' Direzzjoni

Il-Financial Statements 2008/09 kienu tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill. Mill-Financial Statements li kienu preżentati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, saru xi aġġustamenti mill-Uditur. Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements 2008/09 kif preżentati mill-Uditur. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-Ittra ta' Direzzjoni. Il-Kunsill qabel li l-aktar punt importanti huwa dwar l-iżbilanċ finanzjarju u qabel li għandu jaħdem biex matul is-sena finanzjarja kurrenti nħallu bilanċ ta' 10% kif titlob il-liġi. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat l-ittra ta' tweġiba tal-Kunsill għall-ittra ta' direzzjoni.

## 3. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-15

## 4. Materja oħra

i. John Pace ta' 19, Triq A. Mallia Vernon, Xewkija, talab sabiex il-bankina tal-istess post tiegħu tinbidel u ssir mill-gdid. Huwa talab biex r-rampa terġa' ssir ukoll. Il-Kunsill qabel li r-rampa ma tistax issir imma ssir bankina u għalhekk dan ix-xogħol ser jiġi ordnat għand il-WD.

ii. Mary u Franklyn Zammit kienu ġew il-Kunsill u lmentaw dwar il-kiosks tal-festa fi Triq Arc. Ciantar u anke dwar il-parking areas fl-istess triq. Huma qed jitolbu biex il-kiosks tal-festa ma jitpoggewx aktar f'dik it-triq filwaqt li l-parking jitneħħew minn vertikali u jsiru orizzontali peress li bid-duħħan qed isewdu l-faċċata tad-dar tagħhom. Huma nfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li se jibgħatu ittra dwar dawn l-ilmenti lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan l-ilment u qabel li l-ewwel nistennew l-ittra tagħhom u wara li jerġa' jiddiskuti, il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni. Il-Kunsillier Teddy Mizzi semma' wkoll il-problema tal-kiosks li jkun hemm mal-każini u ħwienet fil-Pjazza

peress li dawn kienu 'l barra mill-bankina. Huwa ppropona biex għal sena oħra nagħtu permessi għat-tpoġġija ta' mwejjed fuq il-bankina biss u mhux fit-triq. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-area li applikaw ghaliha biex ipoġġu l-imwejjed kienet żgħira u għalhekk setgħu joqgħodu fuq il-bankina biss u ma kellhomx għalfejn ipoġġu l-imwejjed fit-triq ukoll. Il-Kunsill qabel li għal sena oħra nagħmlu l-kundizzjonijiet aktar ċari u b'hekk ikun kollox ordnat.

iii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li rċeviet ilment dwar li ta' Axiaq (tal-Qajfat) fi Triq Madonna tal-Ħniena, qed iqattgħu xi materjal 'oxy material' u li jista' ikun tossiku. Ir-residenti lmentaw minn irwejjaħ li qed ikun hemm. Is-Sindku se tkellem lil ta' Axiaq dwar dan l-ilment u jekk jerġa' ikolna dan l-ilment, il-Kunsill qabel li nagħmlu rapport lill-Awtoritajiet konċernati biex jieħdu l-passi meħtieġa.

iv. Il-Kunsill irċieva ilmenti minn għand residenti fi Triq Santa Marija (pjazza ta' spagu) dwar il-bin on wheel li hemm fl-istess inħawi. Huma qed jilmentaw minn irwejjaħ li qed ikun hemm madwar dan l-iskip. Is-Sindku pproponiet li naraw minn qed jabbuża minn dan is-servizz u jittieħdu l-passi meħtieġa. Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk is-Sindku se tkellem lill-Gwardjani Lokali biex jagħmlu aktar sorveljenza.

**<u>5. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**

**Mill-Korrispondenza**

i. Is-Sur George Azzopardi, Segretarju tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini nforma lill-Kunsill dwar meta ser isir l-iskav ta' Għar ix-Xiħ. Huwa ppropona sabiex l-open day issir fil-15 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk ser isiru l-avviżi meħtieġa biex tkun organizzata l-open day. Se jiġi organizzat ukoll trasport għal dawk li jkunu nteressati jmorru.

ii. Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra minn għand is-Sur Eugene Bajada dwar il-latrina pubblika li hija proposta li tinbena fil-playing field ta' Triq Ħamrija. Is-Sur Bajada bgħatt din l-ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said. F'din l-ittra s-Sur Bajada għamel riferenza għall-ittra tiegħu ta' oġġezzjoni dwar il-bini ta' latrina pubblika imsemmija li kien bgħatt f'Ottubru 2008. Huwa kien oġġezzjona biex il-latrina pubblika ma tinbenix in-naħa tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill kien iddiskuta dik l-ittra u kien iddeċieda li l-latrina pubblika ma tinbenix in-naħa tar-residenza tas-Sur Bajada. Fil-fatt kienu saru l-emendi neċessarji u l-Perit Xerri flimkien mas-Sindku u s-Segretarju kienu ltaqgħu mas-Sur David Cassar, Uffiċċjal tal-Mepa biex jiddiskutu dwar dawn l-emendi. Fl-ittra tiegħu li bgħatt issa, s-Sur Bajada b'mod sarkastiku għamel risposta lilu nnifsu u għamel diversi akkużi fil-konfront tal-Kunsill. Fost affarijiet oħra huwa akkuża li l-Kunsill ma tax kas tal-oġġezzjoni tiegħu u lanqas kien bgħattlu risposta jew acknowledgement. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li huwa kien kellem lis-Sur Bajada u nfurmah li l-latrina pubblika se tersaq minn fejn kienet proposta fil-bidu. Il-Kunsill qabel li għandna nwieġbu lis-Sur Bajada u ninfurmawh bil-passi li ħa l-Kunsill dwar dan il-proġett.

iii. L-AKL ħeġġett lis-Sindki sabiex japprovaw u jiffirmaw il-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan id-dokument u qabel unanimament li s-Sindku għandha tiffirma l-Patt tas-Sindki.

iv. Mario Cassar li tella' wirja ta' arti b'koperazzjoni mal-Kunsill bħala parti mill-attivitajiet ta' Notte Gozitana, bgħatt poster li pprintja u li kien jinkludi l-logo tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas għal dawn il-posters iżda mhux aktar minn €100.

v. Is-Surmast tal-iskola kien talab lill-Kunsill biex jagħmel erba' arbli għall-bnadar u jitpoġġew fis-sala tal-iskola. Is-Surmast informa lill-Kunsill li dawn se jiġu jiswew madwar €150. Huwa ppropona li jekk il-Kunsill jaqbel, dawn jiġu preżentati fl-attivita ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li nordnaw dawn l-arbli u nippreżentawhom kif suġġeriet mis-Surmast.

vi. Id-Direttur Natalino Attard, għad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, informa lill-Kunsill li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kunsilliera Marthese Portelli biex iżżomm il-post ta' Kunsilliera ġiet milqugħa.

vii. Is-Sur George Azzopardi u Dr Joseph Bezzina, Segretarju u Chairsperson tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini talbu li jiltaqgħu mal-Kunsilli Lokali ta' Sannat u Xewkija biex jiddiskutu dwar l-istess Park Reġjonali. Il-Kunsill qabel li nipproponu li niltaqgħu fl-Uffiċċju tagħna nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju fis-6.00pm..

viii. Is-Segretarju Parlamentari Għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said qed jistieden lill-Kunsilli biex jiltaqa' magħhom. Il-laqgħa mal-Kunsill tagħna qed jiġi suġġerit li ssir nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju fin-12.30pm. Il-Kunsill qabel li għandna nikkonfermaw biex issir din il-laqgħa.

ix. B'referenza għall-email ta' Ms Monique Craine dwar attivita industrijali li qed issir f'Ta' Ġokk HOS ħdejn Ġnien Castelvenere, s-Sindku ppproponiet li ssemmi din il-problema waqt laqgħa li għandha mal-Pulizija aktar tard. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Pulizija għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ma tibqax issir ħsara u fuq kollox ma jkunx hemm perikli għar-residenti ta' dawn l-inħawi.

x. Il-Mepa kienet talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar applikazzjoni PC 0024/09. Din l-applikazzjoni hija dwar 'service road' fl-inħawi magħrufa bħala 'Iċ-Ċnus' fi Triq Mġarr. Il-Kunsill kien talab lill-Mepa biex tibgħat pjanta li tindika b'mod ċar l-iżvilupp propost. Il-Mepa kienet wieġbet li ma jistgħux jibgħatu pjanti iżda il-Kunsill seta' jmur jara' dawn il-pjanti fl-uffiċċju tagħhom. Is-Segretarju kien informa lill-Kunsill dwar dan u anke mar biex jara l-pjanta. Is-Segretarju fiehem lill-membri kif inhi proposta li ssir din is-service road cioe, li l-ħajt tat-triq (fejn hemm il-car wash) jinqala u jsir bi dritt is-showroom tal-karozzi. Il-Kunsill qabel li m'hemmx bżonn jintbgħatu kummenti dwar dan l-iżvilupp.

xi. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva talba minn għand Xewkija Tigers FC biex ngħinuhom jorganizzaw tournament tal-football. Biex jieħdu sehem timijiet għal dan it-tournament iridu iħallsu ammont ta' flus u ser ikun hemm premjijiet għal min jikkwalifika fl-ewwel u t-tieni post ta' dan it-Tournament. Il-Viċi Sindku ppropona li ngħinuhom biex jorganizzaw dan it-tournament. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill lanqas jista' jagħti għajnuna ta' dan it-tip peress li biex jieħdu sehem f'dan it-tournament, it-timijiet se jiġu mitluba iħallsu. B'referenza wkoll għal-liġi tal-Kunsilli, b'mod partikulari artiklu 63A, il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lil Xewkija Tigers FC dwar it-talba tagħhom u ninfurmawhom li mhux possibbli li nagħtu din l-għajnuna finanzjarja.

xii. Il-Kunsill irċieva ittri minn għand Anthony Farrugia (Għaqda Piroteknika), Omar Camilleri (Banda Prekursur) u Carmel Farrugia (Festi Esterni) li kollha talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill dwar il-festa tar-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' fakkar lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Marthese Portelli pproponiet li niktbu lil dawn l-Għaqdiet kollha kif diġa iddiskutejna dwar it-talba ta' Xewkija Tigers aktar 'l fuq u ninfurmawhom dwar x'tgħid il-liġi dwar donazzjonijiet. L-Għaqdiet għandhom jiġu nfurmati li kif ġara fil-passat, jekk il-Kunsill jagħti dawn l-għajnuniet, l-ammont ta' flus li jagħti jiġi mnaqqas mill-allokazzjoni tal-Kunsill u b'hekk il-Kunsill ibati l-konsegwenzi. Il-Kunsill dejjem għandu jgħin u jappoġġja kull attivita li ssir fir-raħal tagħna iżda sfortunatament fil-preżent mhux possibbli li jagħti għajnuna finanzjarja.

xiii. L-Av. Alex Pereci Calascione kiteb f'isem residenti ta' Triq Ċanga dwar ir-road hump li tneħħiet mill-istess triq. Huwa qal li r-residenti qed jitolbu sabiex din terġa' ssir. Il-Kunsill kien neħħa din ir-road hump fuq ordni tal-ADT kif hemm spjegat fil-Minuti tal-Laqgħa Nru 388. Barra minn hekk il-Kunsill irċieva wkoll diversi ilmenti minn għand residenti tal-istess triq li ma jridux li ssir road hump fil-viċinanza tar-residenza tagħhom għax kawża tar-road hump qed ikun hemm tisbita kbira kull darba li tgħaddi vettura. Ir-residenti speċjalment l-anzjani mhux ikunu jistgħu jistrieħu konsegwenza tal-istorbju tal-vetturi, l-aktar fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar u bil-lejl. Għalhekk il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Av. Alex Pereci Calascoine dwar dan.

xiv. JCR Ltd, ta' Triq Gruwa, informa lill-Kunsill bl-applikazzjoni għall-permess minn għand il-Mepa dwar 'open storage' fl-istess triq li iżda tagħmel mal-konfini ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lil min tikkonċerna li ma jsibx oġġezzjoni dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill jaqbel mal-applikazzjoni għax jekk ikollu dan l-'open storage', it-trakkijiet ta' JCR Ltd ma jitħallewx aktar fi Triq Gruwa, in-naħa tax-Xewkija u li jistgħu jkunu ta' periklu għat-traffiku, iżda jiġu pparkjati fl-istess 'open storage'.

Il-Laqgħa spiċċat fl-10.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009 fis-6.00pm.

XEWKIJA

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |